**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Francis Formosa**
Omissis

Illum 12 ta' Gunju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Francis Formosa, ta' 43 sena, iben Francis u Josephine nee' Gatt, imwieled Pieta', fis-19 ta' Settembru 1970 u residenti Blk 3 Flat 4 Triq l-Insolja, Burmarrad, detentur ta' karta tal-identita' 409470(M) u omissis akkuzati talli :-

Nhar it-8 ta' Lulju 2014, gewwa l-Mellieha ghal habta ta' 12:00 pm, ikkommettew serq ta' diversi oggetti minn gewwa residenza liema serq huwa kwalifikat, bil-mezz, u bil-valur liema ammont jeccedi €2,329.37 ghad-detriment ta' Carmen Van Der Weerden u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-artikoli 261 (b) (c) (d), 263 (a), 265, 266, 267, 268 (d), 279 (b), 280 (2);

U aktar talli matul dan l-ahhar gimghat xjentement, laqghu ghandhom u jew xtraw hwejjeg, li kienu misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxulhom.

Lil Francis Formosa wahdu talli;

Kiser il-kundizzjonijet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr A Vella LL.D fil-15 ta' Novembru 2012 b'dan li ma jikkommettix delitt ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht

garanzija pesonali ta' €5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

Il-Qorti hija gejntilment sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skont il-ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bihom Francis Formosa inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-somma globali ta' €5,000 bhala garaziji personali, jghaddu favor il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil omissis wahdu talli:

Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona LL.D fis-7 ta' Novembru 2012 u kif sussegwentement emendati b'digriet tal-Qorti Kriminali kif preseduta mill-Imhallef Onor. David Scicluna LL.D. nhar id-19 ta' Novmebru 2012 b'dan li ma jikkommettix delitt ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta' €500 u garanzija personali ta' €4,500 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

Kiser ir-kundizzjoniiiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D fl-4 ta' Marzu 2013 b'dan li ma jikkommettix delitt ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depbzitu ta' €5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

kiser il-kundizzjoniiiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D fil-15 ta' Marzu 2013 u kif sussegwentement emendati b'digriet tal-Qorti Kriminali kif preseduta mill-Imhallef Onor. Micheal Mallia Ll.D. nhar l-20 ta' Marzu 2013, b'dan li ma jikkommettix delitt ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

kiser il-kundizzionijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat DR Consuelo Scerri Herrera Ll.D. fis-26 ta' Mejju 2013 b'dan li ma jikkommettix delitt ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta' €2,000 u granzija personali ta' €5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

ll-Qorti hija gentilment sabiex f'kaz ta, htija, flimkien. mal-piena skont il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom omissis inghata l-beneficju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-somma

globali ta' €28,500 (€4,000 bhala depoziti u €24,500 bhala garanziji personali), jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment nakkuzawhom talli rrendew ruhhom recedivi b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru defintittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub that l-artikoli indikati fl-istess nota.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat jinsab addebitat bir-reat ta' serq aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37; bir-reat ta' ricettazzjoni; b'recedivita' u li kiser il-kundizzjonijiet ta' digriet li permezz tieghu huwa inghata l-helsien mill-arrest.

Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li fit-8 ta' Lulju 2014 dahlet telefonata fil-control room tal-pulizija fejn gie allegat li kien hemm zewg persuni li kienu qeghdin jagixxu b'mod suspettuz fi Triq il-Qortin, Mellieha. PC 1431 William Galea u PC 1400 Matthew Vella mir-Rapid Intervention Unit marru fuq il-post. Mill-control room gew infurmati li dawn il-persuni suspettuzi kienu f'karozza LAW 432 Isuzu Gemini. Meta l-kuntistabbli marru fit-triq indikata ma sabu xejn izda huma baqghu fl-akkwati ta' Santa Margherita Estate fejn kif dahlu fi Triq Newton nnutaw il-karozza ta' kulur ahmar bin-numru ta' Registrazzjoni LAW 432. Baqghu mexjin magenb il-karozza biex ma jurux lill-persuni fiha li kellhom ghajnejhom fuqhom. PC 1431 gharaf lill-imputat bhala wiehed mill-persuni li kien f'din il-karozza. Lill-persuna l-ohra ma rahiex u ghalhekk daru dawra. Regghu daru lejn il-karozza fejn kien l-imputat. Kif marru fejn il-karozza ma rawx lill-imputat. Huwa

kien hareg mill-karozza u mar direzzjoni faccata n-naha l-ohra tal-karozza u rah hiereg minn wara s-sigar u staqsewh x'kien qieghed jaghmel u qalilhom li mar jaqdi l-bzonnijiet tieghu. Wettqu tfittxija fuqu u ma sabulu xejn suspettuz u lanqas fil-karozza ma sabu xejn. PC 1400 sadanittant ra lill-persuna l-ohra jaqbez minn cint u kien waddab basket.

Id-derubata Carmen Van Der Werdeen xehdet[1] kif saret taf li kienet insterqet. Hija xehdet li qabel ma kienet harget mid-dar kienet innutat karozza ta' lewn ahmar. Meta giet akkumpanjata mill-pulizija lura d-dar taghha hija rat li kien hemm il-gojjellerija taghha fuq il-bankina meta hija kienet hallietu fil-gwardarobba tal-kamra tas-sodda taghha. Id-derubata qalet li jista' jkun li x-xufier tal-karozza l-hamra li rat kien l-imputat.

Abbazi ta' dawn il-provi huwa evidenti li kien certu Josef Buttigieg li materjalment dahal fid-dar tad-derubata u seraq il-gojjellerija. Inkwantu jekk giex ippruvat li din is-serqa kienet aggravata bil-valur li jeccedi l-€2,329.37 u bil-mezz. Inkwantu ghall-aggravju tal-mezz ma rrizultax mill-provi migjuba. Inkwantu ghall-valur jigi rilevat li d-derubata baqghet qatt ma kkwantifikat il-valur tal-gojjellerija li nsterqitilha u li giet ritornata lilha. Madankollu d-derubata kkonfermat li kellha ammont ta' deheb sostanzjali w allura din il-Qorti filwaqt li ma tistax tikkonstata b'certezza li l-valur tal-gojjellerija misruqa kien fil-verita' jaqbez l-ammont ta' €2,329.37 izda f'mohh il-gudikant hemm il-konvinciment li l-valur tal-istess, wara li rat ir-ritratti li ttiehdu mill-espert, kien certament jaqbez l-ammont ta' €232.94.

Ghalhekk jehtieg li jigi ezaminat jekk l-imputat jistax jistab hati ta' komplicita'. Filwaqt li fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju l-artikoli indikati huma dawk tas-serq, il-komplicita', jekk tirrizulta, hija kompriza fir-reat indikat.

Illi d-dottrina u l-gurisprudenza in tema ta' komplicita hija ben stabbilita. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

> *A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence*[2].

Illi l-istess Qorti tal-Appell qalet li:

[1] Seduta tas-16 ta' Lulju 2014
[2] Notes on Criminal Law Vol I pagna 124.

*Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jippartećipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, ....* ***L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel****.*[3]

Illi fil-fatt il-Professur Mamo jghallem ukoll li:

*A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence.*[4]"

Illi dwar il-prova necessarja biex tirrizulta imputazzjoni ta' komplicita f'reat imwettaq minn persuna ohra ghalhekk irid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament ghenu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx necessarjament li hu kien jaf x'kellu f'mohhu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali pero iccarat li:

*Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt*[5].

Illi ghalhekk, applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, dak li jrid jigi pruvat hu li l-imputat Francis Formosa kien jaf x'kellu f'mohhu Josef Buttigieg u li hu ghenu b'xi mod indikat fil-paragrafi (c) u (d) ta'l-artikolu 42 tal-Kapitolu 9[6], fit-twettieq ta' dan il-pjan ghaliex *a merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability*.

---

[3] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Martin Dimech deciza 29.09.2004; is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[4] Op cit pagna 125.
[5] Ref Il-Pulizija vs Carmelo Agius deciza 24.02.2002.
[6] Fin-nota ta' rinviju ghal gudizju ta'l-Avukat Generali dawn iz-zewg paragrafi gew kwotati.

L-imputat, kif kellu dritt jaghmel, ma wiegeb ghall-ebda domanda fl-istqarrija. Huwa ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[7] u qal li dakinhar filghodu meta mar jiffirma l-Ghassa ta' Bugibba ltaqa' b'kumbinazzjoni ma' Josef Buttigieg li joqghod Birkirkara. L-imputat kien minghajr karozza u qal lil Buttigieg li kien ghal Birkirkara huwa wkoll u ftehmu li jitla' mieghu. Buttigieg qallu li huwa kien ghal-Mellieha l-ewwel biex ihallas xi kera ta' post fejn kien joqghod qabel. B'hekk marru l-Mellieha, Buttigieg ipparkja u niezel mill-karozza. Fil-karozza halla anke l-mowbajl. Imbaghad wara xi hin marru l-pulizija u staqsewh x'kien qieghed jaghmel hemm u qalilhom li kien qieghed jistenna lil xi had, fittxew fuqu u ma sabulu xejn. In kontro-ezami qal li Buttigieg urieh il-flus pero' ma kienx jaf fejn kien sejjer u ma rax fejn kien dahal.

Josef Buttigieg, li l-proceduri fil-konfront tieghu ghaddew in gudikat wara li huwa ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, xehed[8] li l-imputat cempillu u staqsih fejn kien sejjer u Buttigieg qallu li kien se jiffirma. L-imputat talbu biex ighaddi ghalih, jitilghu flimkien u jmur lura Birkirkara mieghu. Buttigieg qal li wara li ffirmaw baqghu sejrin il-Mellieha biex ifittex lil ragel li kellu jaghtih xi flus. Ix-xhud qal li huwa nizel ifittex lil dan ir-ragel, ra mara hierga u qabez il-hajt u l-imputat ma kien jaf b'xejn.

Din il-Qorti abbazi ta' dawn l-insenjamenti tqis li gie ppruvat li fil-fatt l-imputat kien komplici ma' Josef Buttigieg. Apparti l-fatt li huwa kien fuq ix-xena tad-delitt li wahedha mhix bizzejjed, irrizulta mill-atti li l-karozza ta' kulur ahmar Registrazzjoni Numru LAW 432 kienet tappartjeni lis-siehba ta' Josef Buttigieg[9]. L-imputat xehed li Josef Buttigieg tah lift u li Buttigieg kien jehtieglu jmur il-Mellieha. Allura li kieku din il-versjoni kellha titwemmen l-imputat ma kellux ikun fuq is-seat tax-xufier tal-istess karozza. Il-kuntistabbli tar-Rapid Intervention Unit xehdu li huma raw lill-imputat isuq din il-karozza. Inoltre' meta l-kuntistabbli waqfu hdejn il-karozza u staqsew lill-imputat x'kien qieghed jaghmel huwa qalilhom li mar jaqdi l-bzonnijiet tieghu izda meta l-pulizija mar jivverifika ma ra xejn. L-istess kuntistabbli PC 1400 Matthew Vella xehed li l-imputat beda jagita ruhu. Huma kellmuh b'kalma u waqt li kienu qeghdin jaghmlu tfittxija fuqu PC 1400 ra persuna n-naha l-ohra tat-triq maghruf bhala l-Qasba jaqbez minn fuq cint u rema' basket fil-gnien liema basket irrizulta li kien hafna hafna gojjellerija. B'hekk arrestaw liz-zewg persuni. Il-versjoni ta' Buttigieg lanqas ma hija kredibbli ghaliex kollox jindika li l-imputat kien fil-fatt qieghed jistenna lill-istess Buttigieg biex iwettaq is-serqa u jitilqu minn fuq il-post flimkien. Jigi nnutat li d-derubata

[7] Seduta tas-27 ta' Gunju 2016
[8] Seduta tal-1 ta' Settembru 2014
[9] Xhieda ta' Stephen Cachia fit-13 ta' Ottubru 2014 u tal-istess Elizabeth Galea fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2014

kkonfermat li kienet rat il-karozza l-hamra granet qabel ukoll fit-triq taghha li allura tkompli tafferma li mhux minnu li kienet decizjoni spontanja ta' Buttigieg. L-imputat ma jistax lanqas jitwemmen anki ghaliex mir-rapport ta' PS 186 Kristian Mintoff jirrizulta li l-vettura tat-tip Isuzu Gemini ta' lewn ahmar Registrazzjoni Numru LAW 432 kienet ipparkjata fuq in-naha opposta fit-triq ghall-fond minn fejn twettqet is-serqa biex ikun hemm vizwali ta' dak li kien se jigri. Kien hemm ghodda fuq il-bankina senjatament turnavit li mir-ritratti mehuda mill-espert PS 36 Sergio Azzopardi mhux wiehed zghir u li facilment ma setax jigi nnutat mill-imputat. Dan it-turnavit instab quddiem id-dhul tal-fond ossia turnavit bil-manku tal-injam kannella li allura huwa evidenti li l-hsieb ta' Buttigieg kien mill-ewwel intiz li jwettaq is-serqa u l-imputat kien ftiehem mal-istess Buttigieg dwar x'kien se jigri u x'kien se jkun ir-rwol tieghu.

Illi inkwantu ghat-tieni imputazzjoni ossija dik ta' ricettazzjoni huwa evidenti li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Ghalhekk il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni cjoe' dik li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti permezz tad-digriet tal-helsien mill-arrest fil-15 ta' Novembru 2012 il-prosekuzzjoni naqset li tipprezenta vera kopja tad-digriet inkwistjoni u ghalhekk tali imputazzjoni ma gietx ippruvata. Konsegwentement anki t-talba konsegwenzjali ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u l-konfiska tal-garanzija personali ma jistghux jissussistu.

Fl-ahharnett ghal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-recediva dan ma giex ippruvat billi ebda sentenza ma giet ipprezentata in atti.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li ghal diversi drabi xellef difrejh mal-gustizzja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u tal-addebitu tar-recidiva u ghaldaqstant minnhom tilliberah, wara li rat l-artikoli 42(d), 43, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' komplicita' fis-serqa mwettqa liema serqa kienet ikkwalifikata bil-valur izda mhux bil-mezz billi dan l-ahhar aggravju ma rrizultax u tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija.

Invista li l-imputat ma nstabx hati tat-tielet imputazzjoni ghar-ragunijiet fuq indikati l-Qorti tichad it-talba ghar-revoka tad-digriet u ghall-konfiska kif mitlub.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' €601.68[10] rapprezentanti hlas ta' esperti nominati. L-imputat qieghed jinghata tlett (3) snin zmien sabiex ihallas tali ammont f'rati mensili. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx il-bilanc li jifdal jigi konvertit fi prigunerija.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**

[10] Il-hati qieghed jigi kkundannat ihallas nofs l-ispejjez.